


# Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel

## Sessjoni 3

*Mill-10 sat-12 ta' Frar 2023*



European Citizens Panel  
**food waste**  
Have Your Say

#FoodWasteEU



## 1. Ħarsa ġenerali

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-ħela tal-ikel jikkonsisti minn 150 ċittadin magħżul b'mod aleatorju u Itaqqa' għal tlett sessjonijiet. Matul l-ewwel sessjoni, li saret bejn is-16 u t-18 ta' Diċembru 2022 fi Brussell, iċ-ċittadini ħolqu approċċi possibbli għall-prevenzjoni u t-tnaqqis fil-ħela tal-ikel li huma identifikaw bħala l-aktar promettenti għal aktar diskussionijiet fis-sessjonijiet ta' wara. Wara sessjoni, il-Kumitat tal-Għarfien tal-panel imbagħad ġabar dawn it-tliet blokk tematiku:

1. "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-ġħalqa sal-platt"
2. "Inizjattivi tan-negozju tal-ikel"
3. "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur"

It-tieni sessjoni tal-panel saret online fl-20 sat-22 ta' Jannar 2023 u ddedikat għall-abbozzar tal-ewwel ideat konkreti li jiffurmaw il-bażi għar-rakkmandazzjonijiet taċ-ċittadini biex titnaqqas il-ħela tal-ikel. Wara proċess iterattiv ta' "rieżami bejn il-pari", iċ-ċittadini fl-istess 12-il grupp ta' ħidma bħal fl-ewwel u fit-tieni sessjoni rrevedew u bnew fuq il-ħidma ta' xulxin billi ressqa l-ideat għat-tnaqqis fil-ħela tal-ikel.

Matul it-tielet sessjoni mill-10 sat-12 ta' Frar 2023, iċ-ċittadini ffinalizzaw ir-rakkmandazzjonijiet tagħhom. Meta Itaqgħu wiċċi imb wiċċi fi Brussell, huma ddiskutew fil-gruppi ta' ħidma, il-feedback u l-kontributi pprovduti minn esperti u persuni ta' riżorsi minn sfondi differenti qabel ma ffinalizzaw ir-rakkmandazzjonijiet fit-12-il grupp ta' ħidma. Fi proċedura ta' votazzjoni finali, iċ-ċittadini kollha esprimew il-qbil jew in-nuqqas ta' qbil tagħhom ma' kull rakkmandazzjoni.

Waqt il-panel, l-esperti li ġejjin kienu parti mill-Kumitat tal-Għarfien:

- **Anne-Laure Gassin**, *il-Kap tat-Tim, l-Unità għall-Istrateġija mill-Ġħalqa sal-Platt, id-Direttorat ġenerali għas-Saħħha u s-Sikurezza Alimentari, il-Kummissjoni Ewropea*
- **Toine Timmermans**, *il-Maniġer tal-Programm, il-Katina Alimentari Sostenibbli tal-Universitāt ta' Wageningen*
- **Gyula Kasza**, *il-Koordinatur ta' Maradék Nélkül (il-Proġett "Wasteless"), il-programm nazzjonali dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tal-Ungernja; Professur Assoċjat fl-Universitāt tal-Mediċina Veterinarja tal-Ungernja*
- **Laura Fernández Celemín**, *id-Direttur ġenerali, il-Kunsill Ewropew għall-Informazzjoni dwar l-ikel*
- **Maïwenn L'Hoir**, *il-Maniġer tal-Proġett għall-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel u n-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel – ikel sostenibbli, il-Ministeru tal-Agrikoltura u s-Sovranità tal-ikel ta' Franza*
- **Betty Chang**, *il-Kap fil-qasam – il-ħela tal-ikel, il-Kunsill Ewropew għall-Informazzjoni dwar l-ikel*

### L-ewwel ġurnata (II-ġimgħa)

L-ewwel jum ta' din is-sessjoni finali kien iddedikat biex jingħata u jiġi diskuss il-feedback dwar l-ideat għar-rakkmandazzjonijiet abbozzati fit-tieni sessjoni. F'sessjoni plenarja, kelliema esperti minn diversi sfondi (ara l-lista hawn taħt) ipprovdu l-osservazzjonijiet u l-ġħarfien ġeneralji tagħhom dwar l-ideat proposti miċ-ċittadini. Mill-perspettiva spċċifika tagħhom, huma enfasizzaw fejn raw l-kunċi jew opportunitajiet biex itejbu l-ideat taċ-ċittadini mil-lat tal-impatt possibbli tagħhom fuq il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel. Wara, iċ-ċittadini kellhom l-opportunità li jiddiskutu mal-esperti dwar kif jistgħu jiżviluppaw aktar l-ideat tagħhom fi tliet sessjonijiet plenarji paralleli, li kull waħda minnhom tindirizza

blokka tematika speċifika. Hawnhekk, erba' gruppi ta' ħidma, inklużi sa 50 ċittadin, iltaqgħu ma' tliet esperti (ara l-listi hawn taħt) u ddiskutew dwar kif jiżviluppaw aktar l-ideat tagħhom.

### **It-tieni ġurnata (Is-Sibt)**

Abbażi tal-ideat oriġinali tagħhom, il-kontributi u l-feedbacks li waslu matul il-plenarji kif ukoll fid-diskussionijiet li segwew, iċ-ċittadini reġgħu nqasmu fit-12-il grupp ta' ħidma biex jabbozzaw, jelaboraw, jispeċifikaw, u jiffinalizzaw ir-rakkmandazzjonijiet tagħhom. Matul dan il-proċess iffukat, huma identifikaw mistoqsijiet ewlenin u xi informazzjoni nieqsa li jfikku l-formulazzjoni ta' rakkmandazzjonijiet komprensivi iż-żda preċiżi. Biex iwieġbu dawn il-mistoqsijiet u jegħlbu l-istaġnar potenzjali, diversi esperti ngħaqdu għal ffit fid-diskussionijiet għal skambji qosra, qabel ma ċ-ċittadini ffinalizzaw ir-rakkmandazzjonijiet tagħhom, filwaqt li faċilitaturi b'esperjenza appoġġawhom biex jilħqu kunsens.

### **It-tielet ġurnata (Il-Ħadd)**

Fis-sessjoni plenarja finali, ir-relaturi tat-12-il grupp ta' ħidma ppreżentaw ir-rakkmandazzjonijiet rispettivi tagħhom lill-panel kollu. Wara l-preżentazzjoni tar-rakkmandazzjonijiet kollha għal kull blokka tematika, il-moderaturi qraw it-titoli ta' kull rakkmandazzjoni, wieħed wieħed, li matulu ċ-ċittadini ntalbu jivvutaw "favor" jew "kontra" fi proċess ta' votazzjoni kunfidenzjali bil-miktub. It-titolu tar-rakkmandazzjonijiet u r-riżultati tal-votazzjoni jinsabu fit-taqsim tar-riżultati hawn taħt. Wara preżentazzjoni tar-riżultati tal-votazzjoni mill-moderaturi ewlenin, iċ-ċittadini qasmu l-feedback dwar l-esperjenza tagħhom fil-panel taċ-ċittadini ma' xulxin u mal-uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Fl-aħħar nett, il-panel ġie konkluż bi kliem ta' apprezzament minn Colin Scicluna, il-Kap tal-Kabinet tal-Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija tal-Kummissjoni Ewropea, Sandra Gallina, id-Direttur Ġenerali tad-DG SANTE, u Pia Ahrenkilde Hansen, id-Direttur Ġenerali tad-DG COMM.

Il-kelliema tat-tielet sessjoni kienu:

### **Suġġetti trasversali**

- **Toine Timmermans**, il-Maniġer tal-Programm tal-Katina Alimentari Sostenibbli tal-Università f'Wageningen
- **Anja De Cunto**, il-Kap tat-Tim għall-Ikel f'EUROCITIES
- **Maiwenn L'Hoir**, il-Maniġer tal-Proġett għall-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel u l-insigurtà tal-ikel - ikel sostenibbli, il-Ministeru għall-Agrikoltura u għas-Sovranità tal-ikel ta' Franzia

### **Blokka tematika 1: "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt"**

- **Angela Frigo**, is-Segretarja Ġenerali, il-Federazzjoni Ewropea tal-Banek tal-ikel (FEBA)
- **Eva Sali**, Konsulent tal-Politika, is-Sikurezza tal-ikel, Copa Cogeca
- **Luc Lignon**, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Alimentari, il-Belt ta' Montpellier, Franzia

### **Blokka tematika 2: "Inizjattivi tan-negożju tal-ikel"**

- **Els Bedert**, id-Direttur, il-Politika dwar il-Prodotti u Sostenibbiltà EuroCommerce
- **Timothy John Hobley**, Professur Assoċjat, I-Università Teknika tad-Danimarka, I-Istitut Nazzjonali tal-ikel
- **Minna Huttunen**, Konsulent Ministerjali fil-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Forestrija, il-Finlandja

### **Blokka tematika 3: "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur"**

- **Gyula Kasza**, il-Koordinatur ta' Maradék Nélkül (il-Proġett "Wasteless") il-programm nazzjonali dwar il-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel tal-Ungerja; Professur Assoċjat fl-Universitāt tal-Mediċina Veterinarja tal-Ungerja
- **Camille Perrin**, Uffīċjal Anzjan tal-Politika tal-ikel, I-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumatur (BEUC)
- **Marjolijn Schrijnen**, Amministratur Prinċipali tal-Proġett, iċ-Ċentru tan-Nutrizzjoni tan-Netherlands

## **2. Aġenda fil-qosor**

Il-Ġimgħa (10/02)	Plenarja		
12.30-13.45	<i>Wasla u ikla ta' nofsinhar</i>		
14.00-14.30	Merħba u preżentazzjoni tal-aġenda		
14.30-15.30	Kontributi dwar suġġetti trasversali u l-ġhan tar-rakkmandazzjonijiet		
15.30-16.00	<i>Waqfa għall-kafè</i>		
	Tliet sottoplenarji		
16.00-18.00	Gruppi ta' Ħidma 1-4: Blokka tematika II "Inizjattivi fin-negozju tal-ikel"	Gruppi ta' Ħidma 5-8: Blokka tematika III "Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur"	Gruppi ta' Ħidma 9-12: Blokka tematika I "Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: Mill-għalqa sal-platt"
Is-Sibt (11/02)	<b>Gruppi ta' Ħidma</b>		
09.00-10.30	Deliberazzjoni dwar l-idea 1 u l-abbozzar tar-rakkmandazzjoni 1		
10.30-11.00	<i>Waqfa għall-kafè</i>		
11.00-12.30	Deliberazzjoni dwar l-idea 2 u l-abbozzar tar-rakkmandazzjoni 2		
12.30-14.00	<i>Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar</i>		
14.00-15.30	Il-kontributi tal-eserti dwar l-abbozz tar-rakkmandazzjonijiet 1 u 2		
15.30-16.00	<i>Waqfa għall-kafè</i>		
16.00-17.30	Finalizzazzjoni tar-rakkmandazzjonijiet 1 u 2		
Il-Ħadd (12/02)	Plenarja		
09.00-09.15	Merħba lura		
09.15-09.50	Preżentazzjoni tar-rakkmandazzjonijiet dwar il-blokka tematika 1 u votazzjoni		
09.50-10.25	Preżentazzjoni tar-rakkmandazzjonijiet dwar il-blokka tematika 2 u votazzjoni		
10.25-11.00	Preżentazzjoni tar-rakkmandazzjonijiet dwar il-blokka tematika 3 u votazzjoni		
11.00-11.30	<i>Waqfa għall-kafè</i>		
11.30-11.45	Ritratt tal-grupp		
11.45-12.15	Preżentazzjoni tar-riżultati		
12.15-12.45	Mumenti ġerimontali u diskorsi uffiċċiali mill-istituzzjonijiet tal-UE		
12.45-13.00	Tislima		

### 3. Reġistrazzjonijiet tas-sessjonijiet plenarji

- **10.02.2023 / Plenarja u Plenarja Blokka Tematika II:** <https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-food-waste-session-3-20230210-gasp>
- **10.02.2023 / Plenarja Blokka Tematika III:** <https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-food-waste-session-3-20230210-jenk>
- **10.02.2023: Plenarja Blokka Tematika I:** <https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-food-waste-session-3-20230210-mans>
- **12.02.2023 / Plenarja:** <https://webcast.ec.europa.eu/european-citizens-panel-on-food-waste-session-3-20230212>

#### 4. Riżultati tal-votazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet finali

Nu mr u	Titolu	Favur	Kontra	Voti ta' astensjoni
<b>1</b>	Aktar ma l-konsumatur ikun qrib il-bidwi, aktar ikun kuntent: Inqas ħela, aktar sostenibbiltà	120	15	5
<b>2</b>	Togħmiet lokali: l-appoġġ pubbliku u privat għall-biedja lokali biex titnaqqas il-ħela tal-ikel	119	9	12
<b>3</b>	Qassam, taħlix!	93	31	16
<b>4</b>	Il-kondiżjoni tad-data u l-aħjar prattiki madwar l-Ewropa	97	27	16
<b>5</b>	Il-ġbir tad-data tul il-katina tal-provvista tal-ikel	101	28	11
<b>6</b>	L-ilħna taċ-ċittadini huma importanti: Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-politika Ewropea dwar l-ikel	91	37	12
<b>7</b>	Maqtugħ frisk: Il-valur tal-ikel staġjonali	103	26	11
<b>8</b>	Network tal-skambju tal-ikel fl-UE kollha	84	41	14
<b>9</b>	Xiri ppjanat u redistribuzzjoni	85	38	16
<b>10</b>	Ir-ristoranti jirrappreżentaw il-kunċett “gawdi mingħajr ma’ taħli”	113	17	9
<b>11</b>	Il-ħela kollha għandha piż	73	48	18
<b>12</b>	Is-sistema tar-rappurtar obbligatorju għat-trasparenza abbinat ma' pieni u premijiet	68	56	15
<b>13</b>	Il-leġiżlazzjoni għall-UE kollha dwar il-qerda tal-prodotti tal-ikel mhux mibjugħha - approċċ ta' tagħlim bejn il-pari madwar l-Istati Membri	109	20	10
<b>14</b>	It-trasparenza dwar il-ħela tal-ikel għall-viżibbiltà u l-azzjoni	102	22	15
<b>15</b>	L-innovazzjoni fl-imballaġġ u l-użu tal-imballaġġ meta jkun meħtieġ	116	18	5
<b>16</b>	It-twessiġħ tad-definizzjoni ta' ħela tal-ikel sabiex jiġi salvat l-ikel mhux maħsud	110	19	10
<b>17</b>	L-inkoräġġiment tal-adulti biex l-azzjoni dwar il-ħela tal-ikel tingħata priorità	113	20	6
<b>18</b>	Is-sensibilizzazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-ikel sostenibbli fl-iskejjel primarji u sekondarji	123	9	7
<b>19</b>	Il-promozzjoni u l-appoġġ ta' applikazzjonijiet u pjattaformi għall-konċi konsumenti tal-ikel li jlaqqgħu flimkien lill-konsumaturi ma' xulxin	97	25	17
<b>20</b>	Taħlix l-ikel, iffranka l-flus: Kampanja Ewropea kontra l-ħela tal-ikel f'kooperazzjoni mal-bejjiegħ tal-ikel bl-imnun mqassma fuq erba' tmiem il-ġimgħa fis-sena	98	31	10
<b>21</b>	“Inwaqqfu l-ħela tal-ikel”: Ġimgħa ta' sensibilizzazzjoni dwar il-ħela tal-ikel fl-iskejjel	116	16	7
<b>22</b>	Il-konsumaturi jingħataw l-għodod biex ikunu konxji u indipendentni mill-impatt tagħhom fuq il-ħela tal-ikel u biex jifhem kif jipproċċaw, jippreservaw u jużaw mill-ġdid prodott qabel u wara l-iskadenza. (id-data “uża sa” hija data ta' sikurezza li warajha prodott m'għandux jiġi kkunsmat; “aħjar qabel” tindika d-data sa meta prodott iżomm l-aħjar kwalità tiegħu)	108	26	5
<b>23</b>	L-implimentazzjoni ta' prattiki standardizzati fil-livell tal-bejgħ bl-imnun meta jiġi promossi prodotti għall-konsumaturi qrib id-data tal-iskadenza.	109	18	12

